MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Avviz Numru. 4/2011

BAS Limited

Vs

Bryvarc Limited

Il-Qorti;

Rat l-avviz ipprezentat fis-6 ta' Mejju 2011 li bih is-socjeta' attrici talbet lil din il-qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hamest elef disa' mija u wiehed u sebghin euro u sittin centezmu (€5,971.60) rapprezentanti prezz ta' diversi servizzi rezi mill-istess

socjeta′ attrici fuq struzzjonijiet tas-socjeta′ konvenuta nkluz ukoll il-kiri ta′ forklifter a beneficcju esklussiv tas-socjeta′ konvenuta u dan bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi l-ispejjez u drittijiet dovuti fir-rigward tal-ittra ufficjali datata 23 ta′ Marzu 2010 kontra l-istess socjeta′ konvenuta.

Rat illi s-socjeta′ konvenuta giet debitament notifikata.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi mir-rizultanzi processwali  jirrizulta li s-socjeta′ konvenuta kienet tuza′ s-servizzi tas-socjeta′ attrici u li ta′ dawn is-servizzi u l-kiri ta′ forklifter baqghet ma hallsitx lis-socjeta′ attrici. Raymond Borg, ir-rapprezentant tas-socjeta′ attrici, ikkonferma li l-ammont reklamat ghadu kollu dovut.

Illi ghaldaqstant din il-qorti, taqta′ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa′ t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta′ konvenuta thallas lis-socjeta′ attrici s-somma ta′ hamest elef disa′ mija u wiehed u sebghin euro u sittin centezmu (€5,971.60) bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez inkluzi l-ispejjez u drittijiet dovuti fir-rigward tal-ittra ufficjali datata 23 ta′ Marzu 2010 kontra l-istess socjeta′ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------